**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

**AGRI_PV(2020)0526_1**

# MINUTI

**Laqgħa tas-26 ta' Mejju 2020, 10.00-12.00 u 18.00-18.45**

**BRUSSELL**

**Bil-parteċipazzjoni remota ta' Membri tal-Kumitat AGRI, il-Kummissjoni u l-Kunsill**

Il-laqgħa bdiet fl-10.04, nhar it-Tlieta, 26 ta' Mejju 2020, taħt il-presidenza ta' Norbert Lins (President).

**1. Adozzjoni tal-aġenda** AGRI_OJ(2020)0526_1

L-abbozz ta' aġenda ġie adottat.

**2. Avviżi tal-President**

Xejn.

******Proċedura ta' votazzjoni remota******

**3. Ir-rwol tal-UE fil-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tad-dinja**

AGRI/9/01953
2019/2156(INI) COM(2019)0352

Rapporteur għal opinjoni:
Juozas Olekas (S&D) AD – PE648.361v02-00
AM – PE650.344v01-00

Responsabbli:
ENVI* – Stanislav Polčák (PPE) PR – PE648.567v01-00
AM – PE650.715v01-00

- Adozzjoni tal-emendi

****** Tmiem il-proċedura ta' votazzjoni remota ******

**4. Skambju ta' fehmiet mas-Sur Wolfgang Burtscher, Direttur Ġenerali għad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI)**

Kelliema: Norbert Lins, Wolfgang Burtscher (DĠ AGRI), Herbert Dorfmann, Paolo De Castro, Ulrike Müller, Ivan David, Martin Häusling, Zbigniew Kuźmiuk, Luke Ming Flanagan, Anne Sander, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Clara Aguilera, Mazaly Aguilar, Jan Huitema, Simone Schmiedtbauer, Eric Andrieu, Mairead McGuinness, Isabel Carvalhais, Daniel Buda, Mara Bizzotto, Irène Tolleret, Balázs Hidvéghi

Il-laqgħa ġiet aġġornata fil-11.20 u wara saret laqgħa tal-Koordinaturi bil-magħluq.

* * *

**5. Laqgħa tal-Koordinaturi**

Il-koordinaturi ltaqgħu bil-magħluq. Id-deċiżjonijiet tagħhom ġew approvati mill-Kumitat fis-26 ta' Marzu 2020.

* * *

Il-laqgħa tkompliet fis-18.04 u kienet preseduta minn Norbert Lins (President).

**6. Avviżi tal-President**

Tħabbir tar-riżultat tal-votazzjoni
Ftuħ tal-proċedura ta' votazzjoni remota rigward il-vot finali dwar l-opinjoni kif emendata

******Proċedura ta' votazzjoni remota******

**7. Ir-rwol tal-UE fil-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tad-dinja**
AGRI/9/01953
2019/2156(INI) COM(2019)0352

Rapporteur għal opinjoni:
Juozas Olekas (S&D) AD – PE648.361v02-00
AM – PE650.344v01-00

Responsabbli:
ENVI* – Stanislav Polčák (PPE) PR – PE648.567v01-00
AM – PE650.715v01-00

- Adozzjoni tal-abbozz ta' opinjoni

**Deċiżjoni:** L-abbozz ta' opinjoni ġie adottat b'xi emendi: 31 vot favur, 13-il vot kontra u 4 astensjonijiet.

****** Tmiem il-proċedura ta' votazzjoni remota ******

**8. Dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-sena 2021**
AGRI/9/01803

***I 2019/0254(COD) COM(2019)0581 – C9-0162/2019

Rapporteur:
Elsi Katainen (Renew)
Responsabbli:
AGRI
Opinjonijiet:

| | | |
|---|---|---|
| DEVE | Deċiżjoni: l-ebda opinjoni | |
| BUDG | Johan Van Overtveldt (ECR) | AL – PE644.725v03-00 |
| CONT | Deċiżjoni: l-ebda opinjoni | |
| ENVI | Deċiżjoni: l-ebda opinjoni | |
| REGI | Herbert Dorfmann (PPE) | AD – PE646.963v04-00 |

- Rapportar lura lill-kumitat dwar in-negozjati (l-Artikolu 74(3) tar-Regoli ta' Proċedura)

**Deċiżjoni:** Rapportar lura lill-kumitat

**Kelliema:** Norbert Lins, Elsi Katainen, Bronis Ropė, Clara Aguilera, Petri Sarvamaa, Álvaro Amaro, Daniel Buda

**9. Approvazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Koordinaturi tal-Kumitat AGRI fil-laqgħa tagħhom tas-26 ta' Mejju 2020**

1. SKAMBJU TA' FEHMIET MAR-RAPPORTEURS DWAR IL-PROPOSTI LEĠISLATTIVI TAL-PAK - IL-PASSI LI JMISS

*Eżitu:Ir-rapporteurs għall-PAK informaw lill-Koordinaturi dwar il-progress fil-fajl rispettiv tagħhom bil-ħsieb li jkun hemm votazzjoni fil-plenarja f'Ottubru 2020.*

2. ATTRIBUZZJONI TAR-RAPPORTI

2.1. Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR): miżuri speċifiċi biex jiġi pprovdut appoġġ temporanju eċċezzjonali fil-kuntest tal-FAEŻR b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19 - 2020/0075(COD)

*Deċiżjoni: Il-fajl tar-rapporteur Norbert Lins għandu jiġi ttrattat fl-ambitu tal-proċedura ta' urġenza u l-kuntatti għandhom ikomplu jipprovdaw jilħqu ftehim dwar l-emendi għall-plenarja.*

2.2. Ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fl-Ukrajna fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa taċ-ċereali u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa taċ-ċereali prodotta fl-Ukrajna - 2020/0053(COD)

*Deċiżjoni: Dan il-fajl ġie allokat lill-Grupp ECR għall-3 punti.*

3. ATTRIBUZZJONI TAL-OPINJONIJIET

3.1. DEVE - Strateġija ġdida UE-Afrika - sħubija għal żvilupp sostenibbli u inklużiv - 2020/2041(INI)

*Deċiżjoni:* *L-opinjoni ġiet allokata lill-Grupp GUE għal punt wieħed.*

3.2. ITRE - Strateġija ġdida għall-SMEs Ewropej

*Deċiżjoni:* *L-opinjoni ġiet allokata lill-Grupp S&D għal punt wieħed.*

3.3. ITRE - Strateġija Ewropea għad-data

*Deċiżjoni:* *L-opinjoni ġiet allokata lill-Grupp PPE għal punt wieħed.*

4. DISKUSSJONI DWAR ŻEWĠ ATTI DELEGATI

*Eżitu:* *Is-Sra Sander aġġornat lill-Koordinaturi dwar is-sitwazzjoni attwali taż-żewġ atti delegati dwar il-frott u l-ħaxix u l-inbid.*
*Il-Koordinaturi ddeċidew li jżommu l-pressjoni fuq il-Kummissjoni biex jiksbu tweġiba għall-ittri; u sadanittant, li jniedu proċedura ta' oġġezzjoni fuq l-atti delegati (adottata fit-30 ta' April 2020), abbażi tal-Artikolu 219 tar-Regolament UE (Nru) 1308/2013, salv għar-rieda tal-Kummissjoni li ttejjeb l-atti delegati. Il-Koordinaturi qablu wkoll li jniedu l-proċedura ta' nonoġġezzjoni bikrija għall-atti delegati (adottata fl-4 ta' Mejju 2020) abbażi tal-Artikolu 53 tar-Regolament UE (Nru) 1308/2013 kif mitlub mis-Sra Sander.*

5. TALBIET GĦALL-INKLUŻJONI TA' PUNTI FIL-KUMITAT LI JMISS AĠENDI TAL-LAQGĦAT

5.1. Posponiment tal-Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitat AGRI

*Deċiżjoni:* *Il-Koordinaturi ddeċidew li jipposponu l-avveniment għall-2021.*

5.2. Studju tal-JRC - Alleanzi bejn bejjiegħa bl-imnut fil-katina ta' provvista tal-agrikoltura u tal-ikel

*Deċiżjoni:* *Il-Koordinaturi ddeċidew li jżiedu dan il-punt mal-aħenda għal laqgħa futura tal-Kumitat AGRI wara l-waqfa tas-sajf.*

6. DOKUMENTI OĦRA GĦAL SKOPIJIET TA' INFORMAZZJONI

*Deċiżjoni:* *Ma ttieħdet l-ebda azzjoni fir-rigward tad-dokumenti inklużi fl-Anness I.*

7. GĦAL SKOPIJIET TA' INFORMAZZJONI

7.1. Djalogu strutturat mal-Kummissjoni

*Kull sena jsir Djalogu Strutturat bejn il-Parlament u l-Kummissjoni b'mod konformi mal-Anness IV tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ istituzzjonijiet. Fil-qafas ta' dan id-djalogu strutturat, il-kumitati jkollhom skambju ta' fehmiet mal-Kummissarju/i rilevanti tagħhom dwar l-istat ta' implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma attwali tal-Kummissjoni, kif ukoll dwar il-prijoritajiet li għandhom jiġu riflessi fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għas-sena d-dieħla.*

*Bil-ħsieb li jitħejja "Rapport ta' Sinteżi", li l-KPK tippreżenta lill-Konferenza tal-Presidenti f'Ġunju u li fuqu tkun ibbażata r-riżoluzzjoni rilevanti tal-PE li għandha tiġi adottata f'Lulju, il-kumitati għandhom jirrapportaw dwar l-eżitu ta' dawn l-iskambji u jipprovdu informazzjoni dwar numru limitat ta' objettivi leġiżlattivi ewlenin li jixtiequ li jiġu kkunsidrati fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2021 (massimu ta' 10 messaġġi ewlenin).*

*Fid-dawl tal-limitazzjonijiet għal-laqgħat u għall-attivitajiet tal-kumitati minħabba t-tixrid tal-coronavirus, il-KPK b'mod eċċezzjonali qablet li, din is-sena, il-kumitati jistgħu jkollhom skambji ta' fehmiet mal-Kummissarji anki f'format bil-miktub. Fid-dawl tas-sitwazzjoni eċċezzjonali, il-President tal-Kumitat AGRI ddeċieda li l-proċedura bil-miktub tintuża f'dan iż-żmien.*

*Sabiex il-kumitati jkunu jistgħu jirriflettu kif dovut fuq it-tweġibiet bil-miktub mingħand il-Kummissarji, anke fid-dawl tal-emenda prevista tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2020 ikkonfermata mill-Viċi-President Šefčovič fil-laqgħa tal-KPK tat-23 ta' April, id-data ta' skadenza biex jintbagħtu l-kontributi tal-kumitati lill-President tal-KPK ġiet estiża sat-2 ta' Ġunju (inizjalment, l-iskadenza kienet iffissata għall-20 ta' Mejju).*

*Il-kontribut, fil-każ tal-Kumitat AGRI, għandu jinkludi messaġġi ewlenin kemm minn AGRI kif ukoll minn SANTE (massimu ta' 10 messaġġi ewlenin lill-Kummissjoni f'termini ta' talbiet, tfakkiriet, espressjoni ta' sodisfazzjon, dispjaċir). Is-Segretarjat ħejja abbozz ta' test bil-kontribut ta' AGRI abbażi tat-tweġibiet li waslu miż-żewġ Kummissarji u dan tqassam fost il-Gruppi. Intlaħaq qbil dwar abbozz finali permezz ta' skambji ta' emails bejn il-konsulenti politiċi u s-Segretarjat.*

*Il-kontribut ta' AGRI se jiġi trażmess lill-KPK sat-2 ta' Ġunju, u l-Koordinaturi jistgħu jsibu dan il-kontribut fl-Anness II.*

7.2. Kalendarju aġġornat tal-laqgħat tal-Kumitat AGRI

*Il-Koordinaturi jistgħu jsibu fl-kalendarju tal-2020 aġġornat tal-Kumitat AGRI fl-Anness III, bil-possibbiltà ta' laqgħat tal-Kumitat AGRI f'Ġunju u f'Lulju.*

7.3. Parametri ġodda

*Bil-għan li jiġi stabbilit mod effiċjenti u konsistenti ta' kif titkejjel il-prestazzjoni fl-amministrazzjoni, l-Uffiċċju tal-Ġestjoni tal-Proġetti tas-Segretarju Ġenerali (PMO) nieda l-ġabra tal-parametri fl-Unitajiet kollha tal-amministrazzjoni tal-PE, li jkejlu s-sodisfazzjon tal-klijenti u l-produttività. Dawn l-indikaturi għandhom jippermettu lis-Segretarju Ġenerali u lill-maniġment ikejlu l-progress lejn il-kisba ta' għanijiet strateġiċi u jidentifikaw xejriet ta' prestazzjoni fuq terminu medju u twil.*

*Il-ġabra ta' kull xahar ta' parametri ta' produttività bdiet bis-sottomissjoni tad-data ta' Jannar u se tkompli bid-data ta' kull xahar li għandha tintbagħat sal-15 tax-xahar ta' wara. Fejn possibbli, il-ġabra tiġi awtomatizzata mill-PMO permezz ta' konnessjoni ma' bażijiet ta' data eżistenti (eż. data kwantitattiva mis-segretarjati tal-kumitati stabbilita mill-ITER jew mill-AT4AM). Għad-data li - għal raġunijiet tekniċi - ma tistax tiġi trażmessa b'tali mod awtomatizzat, l-Unitajiet se jikkodifikawha permezz ta' interfaċċja speċifika. Is-sodisfazzjon tal-klijent se jitkejjel ukoll permezz ta' stħarriġ li jikkonsisti minn mistoqsijiet dwar erba' dimensjonijiet tas-servizzi mwettqa: il-kwalità, il-ħin, il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni.*

8. KWISTJONIJIET VARJI

8.1. Id-Diretturi Ġenerali tad-DĠ AGRI u d-DĠ SANTE se jippreżentaw l-F2F

Eżitu:*Il-Koordinaturi ddeċidew li jistiednu lid-Diretturi Ġenerali tad-DĠ AGRI u d-DĠ SANTE biex jippreżentaw l-F2F fil-laqgħa tal-Kumitat AGRI tal-11 ta' Ġunju.*

***

**ANNESS I**

6.1. Kontribut mill-Parlament Nazzjonali Taljan dwar id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-sena 2021

6.2. Rapport mill-Kummissjoni lill-PE, il-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri dwar l-Evalwazzjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel,
l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka - COM(2020)184, SWD(2020)73, SWD(2020)74, SWD(2020)75, SWD(2020)76, SWD(2020)77, SWD(2020)78.

6.3. Mozzjoni għal riżoluzzjoni dwar it-twaqqif ta' fond iddedikat għall-finanzjament u l-appoġġ għas-settur tal-inbid Ewropew minħabba t-telf ikkawżat mill-kriżi tal-COVID - 19 - Elena Lizzi, Marco Campomenosi - B9 0153/2020

6.4. Opinjoni mill-Parlament Franċiż li qed jitlob għat-tisħiħ tal-miżuri eċċezzjonali għall-PAK, sabiex jiġu affaċċjati l-konsegwenzi tal-pandemija tal-Covid-19, u l-konferma tal-preminenza oġġettiva tal-objettivi tal-PAK fuq ir-regoli Ewropej realatati mal-kompetizzjoni

6.5. Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tal-2019 dwar l-Istħarriġ tal-Piż Annwali - l-isforzi tal-UE biex tissimplifika l-leġiżlazzjoni - SWD(2020)81

6.6. Opinjoni mis-Senat Franċiż dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima

6.7. Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt biex jiġi emendat il-Ftehim - COM(2020)195

6.8. Deċiżjonijiet tal-Kumitat tal-Investiment tal-FEIS f'Mejju 2020 u r-rappurtar dwar l-emenda tal-ftehim tal-FEIS

6.9. Deċiżjonijiet tal-Kumitat tal-Investiment tal-FEIS - proġetti li qabel kienu suġġetti għal ftehim kunfidenzjali

6.10. Opinjoni motivata dwar COM(2020)80 final (Liġi Ewropea dwar il-Klima) adottata mill-Kumitat tal-UE tal-Kunsill Federali Awstrijak waqt is-seduta tiegħu tas-6 ta' Mejju 2020

***

**ANNESS II**

**Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali:**

Rigward il-Kummissarju Janusz Wojchiechowski (kwistjonijiet tad-DĠ AGRI)

1. Jieħu nota tal-pakkett ta' miżuri relatati mal-COVID-19 adottat mill-Kummissjoni biex tirreaġixxi għall-kriżi bħala l-ewwel pass minimu fid-direzzjoni t-tajba ħalli jiġi rikonoxxut ir-rwol ewlieni tal-bdiewa tagħna fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel u ta' ambjent san għaċ-ċittadini tagħna; jiddispjaċih ħafna għall-fatt li dawn il-miżuri kollha flimkien, flimkien ma' kontribuzzjoni baġitarja estremament baxxa, mhumiex biżżejjed biex jgħinu lill-bdiewa jiffaċċjaw id-diffikultajiet attwali u biex jiżguraw li s-settur tal-ikel jibqa' reżiljenti u effikaċi; jappella għal aktar appoġġ biex il-bdiewa Ewropej ikunu jistgħu jiffaċċjaw il-problemi immedjati, u biex, fuq perjodu ta' żmien medju u twil, dawn ikomplu x-xogħol essenzjali tagħhom biex jipproduċu ikel nutrittiv u sostenibbli;

2. Jilqa' l-konferma wiesgħa tal-importanza tal-appoġġ dirett u tal-istrumenti tas-suq attwali fil-proposti għall-PAK wara l-2020, b'xi aġġustamenti, u b'mod partikolari riżerva awtonoma ġdida għall-kriżijiet, imfassla biex tkun aktar effikaċi; jappella għal firxa wiesgħa ta' miżuri fl-ambitu tal-PAK il-ġdida biex il-bdiewa jiġu appoġġati fit-tranżizzjoni lejn agrikoltura aktar sostenibbli b'inqas użu ta' fatturi ta' produzzjoni u b'aktar użu ta' prattiki agrikoli innovattivi u alternattivi; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tissimplifika l-PAK

3. Jinnota b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq proposta riveduta tal-QFP bl-għarfien li, minkejja ċ-ċirkostanzi bla preċedent tal-kriżi tal-COVID-19, inżammu biżżejjed provvisti tal-ikel għaċ-ċittadini tal-UE bis-saħħa tal-bdiewa u tal-industrija tal-ikel tagħna; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinsisti biex il-baġit tal-PAK jiżdied jew tal-anqas jinżamm fil-livell attwali u jqis li, fl-istess ħin, il-bdiewa jridu jiġu inċentivati biex jipproduċu beni pubbliċi; jirrifjuta kwalunkwe possibilità ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-PAK li tkun ta' detriment għas-suq uniku; jilqa' l-ftehim milħuq fil-Kumitat AGRI u approvat mill-Plenarja fir-rigward tar-Regolament Transitorju biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-PAK u l-pagamenti lill-bdiewa matul il-perjodu tranżitorju u jenfasizza l-importanza ta' ftehim f'waqtu bejn il-koleġislaturi sabiex ikun hemm ċertezza regolatorja fis-settur;

4. Jiddispjaċih dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tadotta strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" f'dan il-perjodu partikolari, peress li jemmen li huwa essenzjali li l-isforzi kollha issa

jiffukaw fuq l-iżgurar li s-sistema agroalimentari tagħna tkompli twassal is-sigurtà tal-ikel waqt il-pandemija tal-COVID-19 qabel ma tniedi inizjattiva ta' politika ewlenija ġdida b'implikazzjonijiet estensivi għall-agrikoltura tal-UE; jemmen li huwa essenzjali wkoll li l-Parlament ikun f'pożizzjoni li jiskrutinizza kif xieraq il-proposti leġiżlattivi li se jirriżultaw mill-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"; jenfasizza r-rilevanza tal-programm ta' riċerka Orizzont Ewropa biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel u biex tingħata spinta lis-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura tal-UE; jappoġġa bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni li talloka EUR 10 biljun għar-riċerka fil-qasam tal-agrikoltura u tal-ikel fil-perjodu finanzjarju li jmiss; huwa konvint li d-diġitalizzazzjoni tal-agrikoltura tal-UE fl-aħjar interess tal-bdiewa u l-ambjent tagħhom se tkun kruċjali biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn agrikoltura aktar sostenibbli; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm sistema tal-ikel reżiljenti b'diversi kanali ta' provvista tal-ikel għall-konsumaturi, inklużi swieq lokali u ktajjen tal-provvista qosra; jilqa' l-enfasi tal-Kummissjoni fuq il-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tal-biedja organika fl-UE; jilqa' l-intenzjoni li jinstabu modi biex jittejjeb it-tikkettar tal-oriġini tal-ikel biex tissaħħaħ l-informazzjoni għall-konsumatur;

5. Jenfasizza l-importanza tal-viżjoni futura fit-tul għaż-żoni rurali u l-konsultazzjoni maċ-ċittadini rurali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali li għandha tibda wara s-sajf bil-għan li titqajjem kuxjenza dwar it-tħassib u l-kwistjonijiet rurali;

6. Iqis li l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles jistgħu jiġġeneraw aktar attività ekonomika u ħolqien ta' impjiegi, iżda jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi kif xieraq is-sensittività ta' xi setturi/prodotti fin-negozjati kummerċjali u tirrifletti dwar dan, filwaqt li tiżgura li jkun hemm mekkaniżmu ta' salvagwardja msaħħaħ biex jiġu żgurati kundizzjonijiet pari bejn il-bdiewa fl-UE u fil-bqija tad-dinja; ifakkar lill-Kummissjoni dwar l-appell tal-Parlament għal żvilupp rapidu ta' Strateġija Ewropea għall-Proteini biex tgħin biex titnaqqas id-dipendenza qawwija tal-Ewropa fuq il-proteini importati;

<u>Rigward il-Kummissarju Stella Kyriakides (kwistjonijiet tad-DĠ SANTE)</u>

7. Jinnota li l-bdiewa għandhom jingħataw alternattiva affordabbli għal pestiċidi u fertilizzanti kimiċi; iqis li tekniki innovattivi ta' tnissil tal-pjanti jistgħu jsiru mod alternattiv biex jiġu żgurati kwantitajiet suffiċjenti ta' produzzjoni u aktar sigurtà tal-ikel filwaqt li jiġu żgurati l-ogħla livelli ta' sikurezza tal-ikel;

8. Iqis li l-konsumaturi fl-UE għandhom dritt għal informazzjoni komprensiva u jenfasizza l-importanza ta' sistema trasparenti għat-tikkettar tal-ikel; jenfasizza li l-istandards għoljin tal-UE għall-produzzjoni tal-ikel għandhom japplikaw bl-istess mod għall-prodotti importati minn pajjiżi terzi, inkella l-bdiewa tal-UE jsibu lilhom infushom f'pożizzjoni żvantaġġata;

9. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinkludi l-benessri tal-annimali fl-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"; jenfasizza li l-Parlament, fir-rapport ta' implimentazzjoni tiegħu dwar it-Trasport tal-Annimali tal-2019, talab lill-Kummissjoni tfassal Strateġija ġdida għall-

Benessri tal-Annimali għall-perjodu 2020-2024; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, fl-evalwazzjoni tagħha tal-Istrateġija tal-UE għall-Benessri tal-Annimali, biex tesplora modi biex tiżgura l-infurzar effikaċi u uniformi tal-leġiżlazzjoni tal-UE fis-seħħ dwar il-benessri tal-annimali, speċjalment it-trasport tal-annimali;

10. Iqis li, b'kont meħud tad-diffikultajiet li qed iħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa minħabba l-kriżi tal-COVID-19, il-Patt Ekoloġiku u l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għandhom joffru, b'mod partikolari, opportunità reali għall-bdiewa biex jibbenefikaw ekonomikament mill-integrazzjoni tal-valur tas-sostenibbiltà u tas-saħħa tul il-katina kollha tal-provvista tal-ikel.

***

**ANNESS III**

KALENDARJU AĠĠORNAT TAL-LAQGĦAT MINN JANNAR SA DIĊEMBRU 2020

| **Jannar - Mejju 2020** | **Ġunju - Diċembru 2020** |
|---|---|
| It-Tnejn, 6 ta' Jannar, 15.00-18.30<br><br>L-Erbgħa, 22 ta' Jannar, 9.00-12.30<br>L-Erbgħa, 22 ta' Jannar, 14.30-18.30<br>Il-Ħamis, 23 ta' Jannar, 9.00-12.30 | It-Tlieta, 2 ta' Ġunju, 9.00-11.00<br><br>Il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2020, 9.00-11.00 u 17.30-18.00<br><br>It-Tlieta, 23 ta' Ġunju, 10.00-12.00 u 18.00-18.45 (għad trid tiġi kkonfermata)<br>It-Tlieta, 23 ta' Ġunju, 14.00-16.00 (Koordinaturi) (għad trid tiġi kkonfermata) |
| It-Tnejn, 17 ta' Frar, 15.00-18.30<br>It-Tlieta, 18 ta' Frar, 9.00-12.30<br>It-Tlieta, 18 ta' Frar, 14.30-18.30 | It-Tnejn, 6 ta' Ġunju, 9.00-11.00 u 17.30-18.00 (għad trid tiġi kkonfermata)<br><br>L-Erbgħa, 15 ta' Lulju, 9.00-11.00<br>L-Erbgħa, 15 ta' Lulju, 14.00-16.00 (Koordinaturi) (għad trid tiġi kkonfermata) |
| | It-Tnejn, 31 ta' Awwissu, 15.00-18.30<br>It-Tlieta, 1 ta' Settembru, 9.00-12.30<br>It-Tlieta, 1 ta' Settembru, 14.30-18.30 |
| L-Erbgħa, 15 ta' April, 15.00-17.00<br><br>It-Tlieta, 28 ta' April, 9.00-9.30<br>It-Tlieta, 28 ta' April, 17.00-18.30<br><br>Il-Ħamis, 30 ta' April, 10.00-12.00 | It-Tnejn, 12 ta' Ottubru, 15.00-18.30<br><br>L-Erbgħa, 28 ta' Ottubru, 9.00-12.30<br>L-Erbgħa, 28 ta' Ottubru, 14.00-18.30<br>Il-Ħamis, 29 ta' Ottubru, 9.00-12.30 |
| Il-Ħamis, 7 ta' Mejju, 9.00 - 11.00 | It-Tnejn, 9 ta' Novembru, 15.00-18.30 |

| | |
|---|---|
| It-Tnejn, 11 ta' Mejju, 17.00-19.00<br><br>L-Erbgħa, 20 ta' Mejju, 15.00-17.00<br><br>It-Tlieta, 26 ta' Mejju, 10.00-12.00 u 18.00-18.45 | It-Tnejn, 30 ta' Novembru, 15.00-18.30<br>It-Tlieta, 1 ta' Diċembru, 9.00-12.30<br>It-Tlieta, 1 ta' Diċembru, 14.30-18.30<br><br>It-Tnejn, 7 ta' Diċembru, 15.00-18.30 |

**10. Kwistjonijiet varji**

Xejn.

**11. Laqgħat li jmiss**

- It-2 ta' Ġunju 2020, 9.00 – 11.00 (Brussell)

Il-laqgħa ntemmet fis-18.28.

* * *

## Results of roll-call votes

### Contents

1. The EU's role in protecting and restoring the world's forests (Stepping up EU ............... 12
Action to Protect and Restore the World's Forests) -final vote on the draft ............................ 12
opinion as amended ............................................................................................................ 12
1.1. Final vote ...................................................................................................................... 12

Key to symbols:
+ : in favour
- : against
0 : abstention

1. The EU's role in protecting and restoring the world's forests (Stepping up EU Action to Protect and Restore the World's Forests) -final vote on the draft opinion as amended

1.1. Final vote

| 31 | + |
|---|---|
| ECR | Mazaly Aguilar, Krzysztof Jurgiel, Veronika Vrecionová |
| ID | Gilles Lebreton, Maxette Pirbakas |
| GUE/NGL | Manuel Bompard, Luke Ming Flanagan, Anja Hazekamp |
| NI | Dino Giarrusso |
| RENEW | Atidzhe Alieva-Veli, Asger Christensen, Jérémy Decerle, Martin Hlavacek, Elsi Katainen, Ulrike Müller, Hilde Vautmans |
| S&D | Clara Aguilera, Eric Andrieu, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Isabel Carvalhais, Paolo De Castro, Juozas Olekas, Pina Picierno, Marc Tarabella |
| VERTS/ALE | Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Pär Holmgren, Bronis Ropė, Sarah Wiener |

| 13 | - |
|---|---|
| ID | Ivan David |
| PPE | Álvaro Amaro, Daniel Buda, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Jaroslaw Kalinowski, Norbert Lins, Marlene Mortler, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Christine Schneider, Annie Schrijer-Pierik, Juan Ignacio Zoido Álvarez |

| 4 | 0 |
|---|---|
| ECR | Bert-Jan Ruissen |
| ID | Mara Bizzotto, Angelo Ciocca |
| PPE | Anne Sander |

| | Corrections to votes and voting intentions |
|---|---|
| + | |
| - | |
| 0 | |

**ПРИСЪСТВЕН ЛИСТ/LISTA DE ASISTENCIA/PREZENČNÍ LISTINA/DELTAGERLISTE/ ANWESENHEITSLISTE/KOHALOLIJATE NIMEKIRI/ΚΑΤΑΣΤΑΣΗ ΠΑΡΟΝΤΩΝ/RECORD OF ATTENDANCE/ LISTE DE PRÉSENCE/POPIS NAZOČNIH/ELENCO DI PRESENZA/APMEKLĒJUMU REĢISTRS/DALYVIŲ SĄRAŠAS/ JELENLÉTI ÍV/REĠISTRU TA' ATTENDENZA/PRESENTIELIJST/LISTA OBECNOŚCI/LISTA DE PRESENÇAS/ LISTĂ DE PREZENȚĂ/PREZENČNÁ LISTINA/SEZNAM NAVZOČIH/LÄSNÄOLOLISTA/NÄRVAROLISTA**

| |
|---|
| Бюро/Mesa/Předsednictvo/Formandskabet/Vorstand/Juhatus/Προεδρείο/Bureau/Predsjedništvo/Ufficio di presidenza/Prezidijs/ Biuras/Elnökség/Prezydium/Birou/Predsedníctvo/Predsedstvo/Puheenjohtajisto/Presidiet (*) |
| Norbert Lins, Francisco Guerreiro, Daniel Buda, Mazaly Aguilar, Elsi Katainen |
| Членове/Diputados/Poslanci/Medlemmer/Mitglieder/Parlamendiliikmed/Βουλευτές/Members/Députés/Zastupnici/Deputati/Deputāti/ Nariai/Képviselõk/Membri/Leden/Posłowie/Deputados/Deputați/Jäsenet/Ledamöter |
| Clara Aguilera, Atidzhe Alieva-Veli, Álvaro Amaro, Eric Andrieu, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Benoît Biteau, Mara Bizzotto, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Luke Ming Flanagan, Dino Giarrusso, Martin Hlaváček, Martin Häusling, Krzysztof Jurgiel, Gilles Lebreton, Mairead McGuinness, Marlene Mortler, Ulrike Müller, Juozas Olekas, Pina Picierno, Bronis Ropė, Bert-Jan Ruissen, Anne Sander, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Veronika Vrecionová, Sarah Wiener, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| Заместници/Suplentes/Náhradníci/Stedfortrædere/Stellvertreter/Asendusliikmed/Αναπληρωτές/Substitutes/Suppléants/Zamjenici/ Supplenti/Aizstājēji/Pavaduojantysnariai/Póttagok/Sostituti/Plaatsvervangers/Zastępcy/Membros suplentes/Supleanți/Náhradníci/ Namestniki/Varajäsenet/Suppleanter |
| Franc Bogovič, Manuel Bompard, Claude Gruffat, Anja Hazekamp, Balázs Hidvéghi, Pär Holmgren, Jan Huitema, Peter Jahr, Zbigniew Kuźmiuk, Christine Schneider, Sylwia Spurek, Marc Tarabella, Irène Tolleret, Ruža Tomašić, Michaela Šojdrová, Hilde Vautmans |

| | |
|---|---|
| 209 (7) | |
| | |
| 216 (3) | |
| | |
| 56 (8) (Точка от дневния ред/Punto del orden del día/Bod pořadu jednání (OJ)/Punkt på dagsordenen/Tagesordnungspunkt/ Päevakorra punkt/Σημείο της ημερήσιας διάταξης/Agenda item/Point OJ/Točka dnevnog reda/Punto all'ordine del giorno/Darba kārtības punkts/Darbotvarkės punktas/Napirendi pont/Punt Aġenda/Agendapunt/Punkt porządku dziennego/Ponto OD/Punct de pe ordinea de zi/Bod programu schôdze/Točka UL/Esityslistan kohta/Punkt på föredragningslistan) | |
| | |

| Наблюдатели/Observadores/Pozorovatelé/Observatører/Beobachter/Vaatlejad/Παρατηρητές/Observers/Observateurs/Promatrači/Osservatori/Novērotāji/Stebėtojai/Megfigyelők/Osservaturi/Waarnemers/Obserwatorzy/Observadores/Observatori/Pozorovatelia/Opazovalci/Tarkkailijat/Observatörer |
|---|
| |

| По покана на председателя/Por invitación del presidente/Na pozvání předsedy/Efter indbydelse fra formanden/Auf Einladung des Vorsitzenden/Esimehe kutsel/Με πρόσκληση του Προέδρου/At the invitation of the Chair/Sur l'invitation du président/ Na poziv predsjednika/Su invito del presidente/Pēc priekšsēdētāja uzaicinājuma/Pirmininkui pakvietus/Az elnök meghívására/ Fuq stedina taċ-'Chairman'/Op uitnodiging van de voorzitter/Na zaproszenie Przewodniczącego/A convite do Presidente/La invitaţia preşedintelui/ Na pozvanie predsedu/Na povabilo predsednika/Puheenjohtajan kutsusta/På ordförandens inbjudan |
|---|
| |

| Съвет/Consejo/Rada/Rådet/Rat/Nõukogu/Συμβούλιο/Council/Conseil/Vijeće/Consiglio/Padome/Taryba/Tanács/Kunsill/Raad/Conselho/Consiliu/Svet/Neuvosto/Rådet (*) | |
|---|---|
| | |
| Комисия/Comisión/Komise/Kommissionen/Kommission/Komisjon/Επιτροπή/Commission/Komisija/Commissione/Bizottság/Kummissjoni/Commissie/Komisja/Comissão/Comisie/Komisia/Komissio/Kommissionen (*) | |
| Wolfgang Burtscher (DG AGRI) | |
| Други институции и органи/Otras instituciones y organismos/Ostatní orgány a instituce/Andre institutioner og organer/Andere Organe und Einrichtungen/Muud institutsioonid ja organid/Λοιπά θεσμικά όργανα και οργανισμοί/Other institutions and bodies/Autres institutions et organes/Druge institucije i tijela/Altre istituzioni e altri organi/Citas iestādes un struktūras/Kitos institucijos ir įstaigos/Más intézmények és szervek/Istituzzjonijiet u korpi oħra/Andere instellingen en organen/Inne instytucje i organy/Outras instituições e outros órgãos/Alte instituţii şi organe/Iné inštitúcie a orgány/Muut toimielimet ja elimet/Andra institutioner och organ | |
| | |

| Други участници/Otros participantes/Ostatní účastníci/Endvidere deltog/Andere Teilnehmer/Muud osalejad/Επίσης παρόντες/Other participants/Autres participants/Drugi sudionici/Altri partecipanti/Citi klātesošie/Kiti dalyviai/Más résztvevők/Parteċipanti oħra/Andere aanwezigen/Inni uczestnicy/Outros participantes/Alţi participanţi/Iní účastníci/Drugi udeleženci/Muut osallistujat/Övriga deltagare |
|---|
| |

| Секретариат на политическите групи/Secretaría de los Grupos políticos/Sekretariát politických skupin/Gruppernes sekretariat/ Sekretariat der Fraktionen/Fraktsioonide sekretariaat/Γραμματεία των Πολιτικών Ομάδων/Secretariats of political groups/Secrétariat des groupes politiques/Tajništva klubova zastupnika/Segreteria gruppi politici/Politisko grupu sekretariāts/Frakcijų sekretoriai/ Képviselőcsoportok titkársága/Segretarjat gruppi politiċi/Fractiesecretariaten/Sekretariat Grup Politycznych/Secretariado dos grupos políticos/Secretariate grupuri politice/Sekretariát politických skupín/Sekretariat političnih skupin/Poliittisten ryhmien sihteeristöt/ De politiska gruppernas sekretariat | |
|---|---|
| PPE | Marcin Trojanowski, Dimo Ivanov, Alwyn Strange |
| S&D | Davide Bongiovanni, Maggie Coulthard |
| Renew | Javier Poza Llorente, Laura Real, Guna Rudzite |
| ID | Philippe Chevalier-Chantepie, Filippo Pozzi |
| Verts/ALE | Harriet Clayton, Juliette Leroux, Andrzej Nowakowski |
| ECR | Christine Van Dijk, Massimiliano Rizzo, Anita Gulam Lalic, Jarka Chloupkova, Lukas Kopinski |
| GUE/NGL | Georgios Karatsioubanis, John McGilloway, Dominik Zganec |
| NI | Antonio Anselmi |

| Кабинет на председателя/Gabinete del Presidente/Kancelář předsedy/Formandens Kabinet/Kabinett des Präsidenten/Presidendi kantselei/Γραφείο του Προέδρου/President's Office/Cabinet du Président/Ured predsjednika/Gabinetto del Presidente/Priekšsēdētāja kabinets/Pirmininko kabinetas/Elnöki hivatal/Kabinett tal-President/Kabinet van de Voorzitter/Gabinet Przewodniczącego/Gabinete do Presidente/Cabinet Preşedinte/Kancelária predsedu/Urad predsednika/Puhemiehen kabinetti/Talmannens kansli | |
|---|---|
| | |
| Кабинет на генералния секретар/Gabinete del Secretario General/Kancelář generálního tajemníka/Generalsekretærens Kabinet/ Kabinett des Generalsekretärs/Peasekretäri büroo/Γραφείο του Γενικού Γραμματέα/Secretary-General's Office/Cabinet du Secrétaire général/Ured glavnog tajnika/Gabinetto del Segretario generale/Ģenerālsekretāra kabinets/Generalinio sekretoriaus kabinetas/ Főtitkári hivatal/Kabinett tas-Segretarju Ġenerali/Kabinet van de secretaris-generaal/Gabinet Sekretarza Generalnego/Gabinete do Secretário-Geral/Cabinet Secretar General/Kancelária generálneho tajomníka/Urad generalnega sekretarja/Pääsihteerin kabinetti/ Generalsekreterarens kansli | |
| | |
| Генерална дирекция/Dirección General/Generální ředitelství/Generaldirektorat/Generaldirektion/Peadirektoraat/Γενική Διεύθυνση/ Directorate-General/Direction générale/Glavna uprava/Direzione generale/Ģenerāldirektorāts/Generalinis direktoratas/Főigazgatóság/ Direttorat Ġenerali/Directoraten-generaal/Dyrekcja Generalna/Direcção-Geral/Direcţii Generale/Generálne riaditeľstvo/Generalni direktorat/Pääosasto/Generaldirektorat | |
| DG PRES | Hugo de Chassiron |
| DG IPOL | Sabina Magnano, Oliver Emmes, Albert Massot, François Negre |
| DG EXPO | |
| DG EPRS | |
| DG COMM | Jan Jakubov |
| DG PERS | |
| DG INLO | |
| DG TRAD | |
| DG LINC | |
| DG FINS | |
| DG ITEC | |
| DG SAFE | |

| |
|---|
| Правна служба/Servicio Jurídico/Právní služba/Juridisk Tjeneste/Juristischer Dienst/Õigusteenistus/Νομική Υπηρεσία/Legal Service/ Service juridique/Pravna služba/Servizio giuridico/Juridiskais dienests/Teisės tarnyba/Jogi szolgálat/Servizz legali/Juridische Dienst/ Wydział prawny/Serviço Jurídico/Serviciu Juridic/Právny servis/Oikeudellinen yksikkö/Rättstjänsten |
| Giovanni Mendola |
| Секретариат на комисията/Secretaría de la comisión/Sekretariát výboru/Udvalgssekretariatet/Ausschusssekretariat/Komisjoni sekretariaat/Γραμματεία της επιτροπής/Committee secretariat/Secrétariat de la commission/Tajništvo odbora/Segreteria della commissione/Komitejas sekretariāts/Komiteto sekretoriatas/A bizottság titkársága/Segretarjat tal-kumitat/Commissiesecretariaat/ Sekretariat komisji/Secretariado da comissão/Secretariat comisie/Sekretariat odbora/Valiokunnan sihteeristö/Utskottssekretariatet |
| Mauro Belardinelli, Francesca Cionco, Vasilis Magnis, Felix Mittermayer, Francisco Pereira, Tereza Pinto de Rezende, Matej Planinc, Jérémie Requis, Alexandre Rogalski, Marc Thomas, Maria Wallner |
| Сътрудник/Asistente/Asistent/Assistent/Assistenz/Βοηθός/Assistant/Assistente/Palīgs/Padėjėjas/Asszisztens/Asystent/Pomočnik/ Avustaja/Assistenter |
| Inna Dolgovskaja, Karelle Dulhauste |

* (P) = Председател/Presidente/Předseda/Formand/Vorsitzender/Esimees/Πρόεδρος/Chair/Président/Predsjednik/Priekšsēdētājs/ Pirmininkas/Elnök/'Chairman'/Voorzitter/Przewodniczący/Preşedinte/Predseda/Predsednik/Puheenjohtaja/Ordförande

(VP) = Заместник-председател/Vicepresidente/Místopředseda/Næstformand/Stellvertretender Vorsitzender/Aseesimees/Αντιπρόεδρος/ Vice-Chair/Potpredsjednik/Vice-Président/Potpredsjednik/Priekšsēdētāja vietnieks/Pirmininko pavaduotojas/Alelnök/ Viċi 'Chairman'/Ondervoorzitter/Wiceprzewodniczący/Vice-Presidente/Vicepreşedinte/Podpredseda/Podpredsednik/ Varapuheenjohtaja/Vice ordförande

(M) = Член/Miembro/Člen/Medlem./Mitglied/Parlamendiliige/Βουλευτής/Member/Membre/Član/Membro/Deputāts/Narys/Képviselő/ Membru/Lid/Członek/Membro/Membru/Člen/Poslanec/Jäsen/Ledamot

(F) = Длъжностно лице/Funcionario/Úředník/Tjenestemand/Beamter/Ametnik/Υπάλληλος/Official/Fonctionnaire/Dužnosnik/ Funzionario/Ierēdnis/Pareigūnas/Tisztviselő/Uffiċjal/Ambtenaar/Urzędnik/Funcionário/Funcţionar/Úradník/Uradnik/Virkamies/ Tjänsteman